*F'għeluq il-65 sena mill-wasla tagħhom f'din il-Parroċċa kif ukoll fl-okkazzjoni ta' l-għoti ta' l-unur " Ġieħ il-Mellieħa" mill-Kunsill Lokali, Mellieħa lil din l-istess Kongregazzjoni.*

# Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù fil-Mellieħa

Fost id-diversi għaqdiet u entitajiet reliġjużi li għal snin twal ilhom jagħtu servizz lill-poplu Mellieħi nsibu l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet "Ulied il-Qalb ta' Ġesù". Din is-sena huma jagħlqu 100 sena mit-twaqqif tagħhom f'Malta minn Maria Tereża Nuzzo u matul dan iż-żmien is-siġra ta' din il-Kongregazzjoni kibret, tat u għadha tagħti l-frott f'Malta, l-Italja, il-Kenja, it-Tuneżija, l-Irlanda, il-Libja u l-Indja.

Din il-Komunità tas-Sorijiet ilha tagħti sehimha fil-Mellieħa għal dawn l-aħħar 65 sena. Kien propju fit-3 ta' Mejju 1938 li huma ġew il-Mellieħa. Fl-ewwel sitt snin id-dar tagħhom kienet f'104 Triq il-Kbira u wara f'numri 142 u 143 fl-istess triq. Fl-1947 saret supplika lill-Arċisqof Gonzi biex is-sorijiet jingħataw biċċa art mill-Kurja biex fuqha jibnu kunvent addattat għall-bżonnijiet tagħhom peress li d-dar fejn kienu kienet żgħira wisq. Iżda kellhom jistennew sa l-1965 biex sar il-kuntratt finali. Ix-xogħol inbeda fl-1969 u l-kunvent preżenti tlesta fl-1973. Fis-7 ta' Awwissu 1947 is-sorijiet fetħu dar f'Selmun fejn bdew jgħallmu l-iskola filgħodu u l-Katekiżmu filgħaxija ħalli t-tfal ta' Selmun jiffrankaw li jiġu l-Mellieħa. Huma għadhom sallum jagħtu għajnuna lis-saċerdot li jieħu ħsieb il-Knisja ta' l-istess raħal waqt li jgħinu nies anzjani jew morda ta' hemmhekk. Din id-dar ta' Selmun ingħatat l-isem Marija Tereża Nuzzo.

Fost l-attivitajiet bikrin li bdew dawn is-Sorijiet wieħed irid isemmi l-iskola li huma fetħu fil-Mellieħa għat-tfal iż-żgħar ta' bejn it-3 u l-5 snin u żgur li mijiet, jew aħjar eluf ta' Melleħin, ħadu l-ewwel edukazzjoni u formazzjoni spiritwali u soċjali minn taħt idejhom. Tliet sorijiet bdew jgħallmu wkoll fl-iskola elementari tal-Gvern. It-tagħlim tagħhom dejjem kellu dik ix-xeħta reliġjuża fih speċjalment it-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u żgur li ma kien jibqa' l-ebda tifel jew tifla li ma kienx jirċievi labtu sabiħ bix-xbiha tal-Madonna jew ta' Ġesù bħala tifkira. Dejjem taw dik l-ewwel formazzjoni għal karattru sod u żgur li dik iż-żerriegħa bikrija kibret u xxettlet f'ħafna minna hawn preżenti.

Nistgħu ngħidu wkoll li dawn is-sorijiet kienu minn ta' quddiem biex jgħallmu r-rakkmu lit-tfajliet. Ix-xogħol tar-rakkmu kien għal qalbhom ħafna u għadek sallum tara dan xogħol idejhom fuq pjaneti, dvalji u ħwejjeġ liturġiċi fil-knejjes tagħna. Ma kenux iżommu din is-sengħa hekk sabiħa għalihom biss imma kienu jagħmlu klassijiet apposta biex ulied bniet Melleħin setgħu jieħdu dan it-tagħlim ukoll.

Bdew jgħallmu wkoll id-dutrina fil-kmamar tas-Santwarju. Id-dutrina minn dejjem kienet ħolqa importanti ħafna f'ħajjithom u b'paċenzja liema bħala kont tarahom jgħallmu t-talb u jippreparaw lit-tfal li jkunu se jersqu għall-ewwel tqarbina.

Beda jsir Katekiżmu lill-kbar u ġiet organizzata siegħa adorazzjoni fil-kappella iddedikata lill-Qalb ta' Ġesù fil-kunvent stess fejn sa mill-bidu nett kien jinżamm is-Sagrament. Is-sorijiet kienu jorganizzaw ukoll laqgħat għaż-żgħażagħ u għall-ġenituri, dejjem bil-ħsieb li fil-



*Il-Komunità tas-Sorijiet li għal bosta snin serviet fil-Mellieħa, flimkien mal-Kappillan Dun Franġisk Xuereb.*



*Waħda mill-laqgħat għall-ġenituri fil-Barrakka*



*Il-Madre Ġenerali Suor Catherine Seychell tirċievi l-unur "Ġieħ il-Mellieħa" minn idejn is-Sindku s-Sur John Buttigieg*

Mellieħa jkollna, kemm issa kif ukoll fil-futur, nies ta' l-affari tagħhom li jkunu kapaċi jżommu dak li hu tajjeb u jwarrbu dak li hu ħażin. Kull tant żmien kienu jsiru wkoll laqgħat ta' talb, laqgħat tal-Kunsill Parrokkjali u seminars għal diversi setturi tal-poplu fil-kunvent stess. Fi żmien ir-Randan is-sorijiet iżommu t-tfal iż-żgħar fil-kunvent waqt li l-ġenituri jmorru jisimgħu l-eżerċizzi flimkien. Huma jieħdu sehem ukoll fil-funerali u fit-talb għal dawk li jkunu qegħdin imutu.

Kontribut ieħor siewi ħafna li jagħtu s-sorijiet għall-ġid tal-komunità Melleħija huwa t-tqarbin fil-knejjes waqt il-quddies u dak tal-morda darba fil-ġimgħa fid-djar tagħhom. Din l-aħħar ħidma titlob paċenzja, sagrifiċċju u mpenn, iżda s-sorijiet dejjem qdewha bil-qalb u bi tbissima. Għamlu żmien jieħdu ħsieb janimaw il-quddiesa ta' kuljum, il-kor fil-quddiesa tal-Ħadd u sa ftit tas-snin ilu kienu jippreparaw tfajliet ta' wara l-Griżma għall-plays tal-Milied u fl-Għid.

Sehem ieħor li sa mill-bidu nett bdew jagħtu s-sorijiet huwa l-ħasil, tiswija, mogħdija u l-preparazzjoni tal-paramenti sagri tal-knisja, kemm dawk tal-qassisin kif ukoll dawk ta' fuq l-artal waqt li jħitu wkoll pjaneti u spellizzi ġodda. Din hi xi ħaġa li forsi aħna ma nagħtux kasha iżda li qegħda hemm għax kuljum u iktar u iktar fil-festi dawn il-ħwejjeġ, dvalji, purifikaturi u lbies ieħor ikunu ordnati, nodfa u mgħoddijin perfetti, kumpliment xieraq għal post qaddis speċjalment l-artal u t-tabernaklu.

Għal bosta snin fil-Barrakka qrib il-kunvent kienu jiġu organizzati diversi attivitajiet reliġjużi u rikreattivi. Is-sorijiet kienu jagħtu lezzjonijiet tal-pjanu lit-tfal u żgħażagħ u jsiru ġranet ta' rtir għax-xebbiet. Dawn il-laqgħat swew ukoll biex tqanqlu xi vokazzjonijiet għal ma' din l-istess kongregazzjoni.

Kważi mill-bidu nett ukoll is-sorijiet bdew jieħdu ħsieb is-Santwarju tal-Madonna. Bl-ikbar għożża jżommu kollox nadif u ordnat u kważi mingħajr ma tarahom tħoss li hemm xi ħadd organizzat li qed imexxi dak il-post qaddis.

Nistgħu nibqgħu sejrin insemmu xogħlijiet oħra li jagħmlu dawn is-sorijiet fostna l-Melleħin. Mingħajr ħafna daqq ta' trombi u għajjat huma jaħdmu fis-silenzju għall-glorja t'Alla u għall-qadi tal-poplu Mellieħi. Mill-ewwel Superjura Sor Anġelika Compagno sal-Madre Ġenerali tallum Sor Catherine Seychell, żgur li l-preżenza tagħhom fil-Mellieħa f'dawn il-65 sena mliet vojt li ma jistax jitkejjel iżda li żgur jinħass fil-ħafna familji li għarfu jkattru dak il-ġid li rċevew mingħandhom.

Fil-preżent, minħabba organizzazzjoni ġdida tal-Kongregazzjoni "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" fi Provinċji u Reġjuni, il-Kunvent tal-Mellieħa sar il-Post minfejn tiġi amministrata l-Kongregazzjoni kollha. Dan ifisser li s-Superjura Ġenerali u l-Kunsill tagħha jridu jamministraw u jippjanaw kemm għas-sorijiet ta' Malta kif ukoll għal dawk ta' l-Indja - 22 dar - u dawk tal-Kenja - 7 idjar.

Minkejja dan kollu huma xorta baqgħu jservu pastoralment lill-poplu tal-Mellieħa. Minħabba dan ukoll spiss qed naraw fostna l-Melleħin sorijiet ta' nazzjonalità oħra bħal ma huma sorijiet Indjani u Kenjani. Min jaf! Forsi wara li s-sorijiet Maltin jikbru fl-età għad ikollna sorijiet oħra barranin li jibqgħu jservu bl-istess imħabba u dedikazzjoni lill-poplu Mellieħi.

Il-premju tagħhom jagħtihulhom Alla iżda ma nistgħux aħna li messejna dan il-ġid b'idejna ma ngħidulhomx grazzi kbira u mill-qalb billi ngħinuhom fejn nistgħu u kull meta narawhom fil-bżonn talli offrew ħajjithom għall-ġid tagħna u ta' wliedna.

*Jimmy Muscat*

---

**Nota:** Parti minn dan l-artiklu kien inqara fl-okkazzjoni ta' l-għoti ta' l-Unur "Ġieħ il-Mellieħa" lil din il-Kongregazzjoni nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2003.